MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 79/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Sandra Hegedus**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Jannar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm148.50) ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 2143 7592 skond kif jirrizulta mid-Do.A u B;**
**Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-verbal tal-25 ta' Marzu, 2004, li fih il-konvenuta ammettiet t-talbiet attrici, pero` qalet li l-ispejjez kellhom ikunu a karigu tas-socjeta` attrici.**

**Ra l-verbal tat-18 ta' Gunju, 2004, fejn it-Tribunal gie nfurmat li kien hemm ftehim li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tmienja u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm148.50) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-lum.**

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------